MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 1012/2011

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjetajiet esteri Nokia Corporation, Sony Ericsson Mobile Communications AB u Motorola Mobility Inc.**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u P.L. Nadine Farrugia gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti kunsinjatarju ANATIM POUR COMPTE STE GTARI DE COMMERCE b'digriet tad-29 ta' Marzu 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-17 ta' Ottubru 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta' Keilalahdentie 4, 02150

Espoo, Finland, ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB ta' NYA Vattentornet SE-221 88 Lund, Sweden u ta' Motorola Mobility Inc ta' 600 North US Highway, 45 Libertyville, Illinois 60048, USA sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom;

2. Illi s-socjeta' rikorrenti Nokia Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati mal-Ufficju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejjha 'NOKIA', liema drittijiet gew registrati f'Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok. NC1 u NC2) kif ukoll tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea : (a) *community trademark* 'NOKIA', liema dritt gie registrat fit-3 ta' Jannar 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok. NC3);

3. Illi s-socjeta' rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: (a) il-kelma SONY moghti n-numru ta' registrazzjoni 000000472 (Dok. SEMC1) mis-socejta' estera Sony Corporation li awtorizzat lis-socjeta' attrici Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta' propjeta' intelletwali skond il-*consent form* datata 2 ta' Novembru 2010 (Dok. SEMC2); u (b) il-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok. SEMC3) mis-socjeta' estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzaw lis-socjeta' attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta intelletwali skond l-affidavit datat 14 ta' Novembru 2006 u l-*consent form* datata 1 ta' Novembru 2010 (Dok. SEMC4);

4. Illi s-socjeta' rikorrenti Motorola Mobility Inc hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* mal-*Office for Harmonization in the Internal*

*Market* tal-Unjoni Ewropea: il-kelma ‘MOTOROLA’, liema dritt gie moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 3458676 (Dok. M1) ;

5. Illi fid-dsatax (19) ta’ Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) ir-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru ECMU 2043837 li dahal gewwa l-Port Hieles fit-tnax ta’ Settembru 2011 fuq il-vapur CMA CGM COLUMBA liema container kien fih 63,250 ta’ accessorji tal-mobiles li kienu jinkludu *covers, chargers* u *batteries* (Dok. NC4) kollha bil-marka ‘NOKIA’ anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-mobiles u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravvjenu dritt ta’ proprjeta’ intelletwali;

6. Illi fit-tlieta (3) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-ghadd tal-istess container numru ECMU 2043837 nstabu ukoll: (a) 1,000 ta’ *mobile chargers* (Dok. SEMC5) kollha bil-kliem SONY ERICSSON ; u (b) 3,750 ta’ *mobile chargers* (Dok. M2) kollha bil-kelma ‘MOTOROLA’, u li *prima facie* ukoll dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravvjenu dritt ta’ proprjeta’ intelletwali;

7. Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li dawn l-oggetti mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li: (a) l-accessorji NOKIA, li fihom il-kelma NOKIA ukienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intelletwali ta’ Nokia Corporation u r-rapport tal-istess anness u mmarkat bhala Dok. NC5; (b) li l-accessorji SONY ERICSSON, fihom il-kliem SONY u ERICSSON u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intelletwali ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB u r-rapport tal-istess anness u mmarkat bhala Dok. SEMC6; (c) li c-chargers

MOTOROLA, li fihom l-kelma ‘MOTOROLA’ u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Motorola Mobility Inc., u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intelletwali ta’ Motorola Mobility Inc. u r-rapport tal-istess anness u mmarkat bhala Dok. M3.

8. Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa jipprocedi civilment ghal decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

9. Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa ANATIM POUR COMPTE STE GTARI DE COMMERCE ta’ Zone Industriel Ben Arouss Tunis, Tunisia Code Postal 2013, dan skond dak citat fil-polza ta’ taghbija numru SHZ1206413 (Dok. PF1);

10. Illi l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 2(1)(a) u (b) u l-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 7 u 8 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. Illi r-rikorrenti nomine Av. Peter Fenech jiddikjara li huwa jaf il-fatti esposti in parte personalment, in parte mill-informazzjoni moghtija lilu mis-socjetatjiet rikorrenti w in parte mill-informazzjoni u d-dokumenti moghtija lilu mill-Kontrollur tad-Dwana;

12. Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw il-jeddijiet taghhom;

13. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti: (a) f’63,250 ta’ accessorji tal-mobiles senjatament *covers, chargers* u

*batteries* li fuqhom hemm il-kelma 'NOKIA'; (b) f'1,000 *mobile chargers* li fuqhom hemm il-kliem 'SONY' u 'ERICSSON' ; u (c) f'3,750 *mobile chargers* li fuqhom hemm il-kelma 'MOTOROLA', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru ECMU 2043837 kontenenti l-imsemmija oggetti, huma kontrafatti skond l-artikoli 2(1) (a) u (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali tas-socjeta' rikorrenti Nokia Corporation, fir-rigward tat-trademarks taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok. NC1 u NC2) kif ukoll il-*community trademark* 'NOKIA' moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok. NC3); tas-socjeta' rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-trademarks taghha: (a) il-kelma 'SONY' moghti n-numru ta' registrazzjoni 000000472 (Dok. SEMC1); (b) il-kelma 'ERICSSON' moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok. SEMC3); u tas-socjeta' rikorrenti Motorola Mobility Inc., fir-rigward tat-trademarks taghha l-kelma 'MOTOROLA' moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 3458676 (Dok. M1); u jivvjolaw l-artikolu 2(1) (a) u (b) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini ;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali merkanzija 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjetajiet rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi din il-merkanzija f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija merkanzija ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghha, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess merkanzija;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. NC1 sa Dok. NC5, Dok. SEMC1 sa SEMC6, Dok. M1 sa Dok. M3, u PF1;

Rat id-digriet tad-29 ta’ Marzu 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tas-7 ta’ Mejju 2012 fejn ecceppew:

Illi huma ma jafux bil-fatti li waslu ghall-kawza u ghalhekk jirriservaw li jressqu twegiba ohra aktar ’il quddiem;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbat tas-seduta mizmum fil-31 ta’ Mejju 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Peter Fenech nomine li ddikjara li ma faddalux aktar provi x’jipprezenta. Il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett d’ostakolu ghat-18 ta’ Lulju 2012;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjetajiet attrici huma proprjetarja rispettivament ta’ diversi marki fosthom il-markju Nokia, liema markju hu registrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademarks numri 33323 u 33324 u dak Komunitarju numru 4035663; u tal-markju Sony Ericsson Mobile Communications AB u l-kelma ‘Sony’ u ‘Ericsson’ registrati fir-Registru tal-Markji Komunitarju bin-numri 000000472 u 001459130, u tal-markju Motorola Mobility

Inc. u l-kelma ‘MOTOROLA’ registrat fir-Registru tal-Markji Komunitarju bin-numru CTM 3458676.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’*container* Numru ECMU2043837 li kien inhatt fil-port hieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM COLUMBA li kien dahal Malta fit-12 ta’ Settembru 2011 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta’ accessorji tal-mobiles li jgibu l-markji distintivi tas-socjetajiet rikorrenti liema konsenja tikkonsisti b’kollox fi tlieta u sittin elf, mitejn u hamsin (63,250) accessorji ta’ mobiles li kienu jinkludu *covers, charges u batteries* kollha bil-markja NOKIA, u li fl-istess container instab ukoll elf (1,000) *mobile chargers* kollha bil-kliem SONY ERICSSON; u tliet elef, seba’ mija u hamsin (3,750) *mobile chargers* kollha bil-kelma ‘MOTOROLA’ u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapporti datati 7 ta’ Ottubru 2011 (Dok. NC5 a fol. 42)) maghmul minn Angel Escoriaza, Legal Counsel Brand Enforcement tas-socjeta’ rikorrenti Nokia Corporation; 17 ta’ Ottubru 2011 (Dok. SEMC6 a fol. 43) ta’ Josefine Svensson, rapprezentant fl-Anti Counterfeit Department tas-socjeta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB; u 12 ta’ Ottubru 2011 (Dok. M3 a fol. 46) ta’ James Raymond Edwards, Senior Security Manager tas-socjeta’ rikorrenti Motorolla Mobility Inc.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjetajiet attrici inizjaw dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. NC1 sa Dok. NC5, Dok. SEMC1 sa SEMC6, Dok. M1 sa Dok. M3, u PF1 u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza Dok. PF2 u PF3 li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. PF3) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapporti ta’ Angel Escoriaza, Josefine Svensson u James Raymond Edwards li kkonfermaw li mill-ezamijiet li saru

fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius (Dok. PF3 a fol. 116) datat 29 ta' Mejju 2012. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-tlieta u sittin elf, mitejn u hamsin (63,250) accessorji ta' mobiles li jinkludu *covers, charges u batteries* bil-kelma NOKIA, u l-elf (1,000) *mobile chargers* bil-kliem SONY ERICSSON ; u t-tliet elef, seba' mija u hamsin (3,750) *mobile chargers* bil-kelma 'MOTOROLA' in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' tlieta u sittin elf, mitejn u hamsin (63,250) accessorji tal-mobiles li jinkludu *covers, chargers u batteries* bil-kelma NOKIA, u ta' elf (1,000) *mobile chargers* bil-kliem SONY ERICSSON; u ta' tliet elef, seba' mija u hamsin (3,750) m*obile chargers* bil-kelma 'MOTOROLA' b'Container Numru ECMU2043837 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta` rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjetajiet rikorrenti;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-oggetti maqbuda kollha imsemmija, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana Dok. PF3;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’/entita’ konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------